# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 928/96**

**Numru 32**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jeffrey Galea u b'nota tal-10 ta' Marzu 2000 is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta assikuratrici CGU Insurance plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Jeffrey Galea assumiet l-atti.**

**vs**

**Carmelo Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fid-9 ta' Ottubru 1995 fil-limiti ta' Haz-Zabbar waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Y-0465, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru L-8997 propjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' mija u sittin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm160.95.0) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tal-11 ta' Lulju 1996 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) li biha eccepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-konvenut ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilitisku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tas-sewwieq ta' l-vettura Nru L-8997.

2. It-tieni darba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent ma ghandux ikun kundannat ihallas d-danni lis-socjeta attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluza in-nota a fol 47 tal-istess atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 25 ibid.

Ikkunsidrat

Illi PS 1439 John Tabone, li investiga dan il-kaz u irrediga ir-rapport u skizz esebiti in atti a fol 19 u 20 spjega li l-assikurat tas-socjeta' attrici ossija Jeffrey Galea kien informah, wara l-incident, li kien qed jsuq mid-direzzjoni ta' Haz Zabbar lejn Rahal il-Gdid u "f'daqqa wahda dahlet fih il-vettura (bus) numru U-0465 ...." misjuqa mill-konvenut. Da parti tieghu dan kien qallu li kien qed jsuq fl-istess direzzjoni meta, minhabba li kien hemm vettura wieqfa u "double parked" fuq ix-xellug tieghu, hu oltrepassa din il-vettura billi mar oltre il-linja kontinwa tan-nofs izda fl-istess waqt waqaf minhabba traffiku gej mid-direzzjoni opposta. F'daqqa wahda giet il-vettura misjuqa mill-assikurat u li skond hu kienet "double parked" u dahlet

fil-"bus" misjuq minnu. Ix-xhud issottolineat li kien biss il-konvenut li qallu li kien hemm karozzi hekk parkeggati fosthom aktarx dik tal-assikurat. Pero' meta acceda fuq il-post tal-incident, ma sab ebda vettura "double parked". In rigward hsarat l-istess fizzjal tal-Pulizija ra li dik misjuqa mill-assikurat kellha danni fuq il-bieba, il-"bumper" u l-"mudguard" ta' quddiemu fuq il-lemin. In rigward il-"bus" ma kienx ikkostata xi hsara forsi xi ftit fuq quddiem.

Ikkunsidrat

Illi Jeffrey Galea (fol 30 et eq ibid) xehed li kien qed jsuq wara xarabank numru Y-0465. L-istess "bus" kien "hareg fuq in-naha ta' barra, xeghel l-"indicator" li kien ser jikser fuq il-lemin (billi anke qabes il-linja bajda kontinwa) u jiena ghaddejt minn naha ta' gewwa meta f'daqqa u l-waqt ix-xarabank regghet gibdet fuq ix-xellug u laqatni peress li ... jien kont ghaddej minn naha ta' gewwa". In rigward dan hu spjega ulterjorment li hu effettivament, kien baqa' miexi dritt ossia "fil-linja fejn kont ghaddej" minghajr ma dawwar l-"steering wheel" lejn xi naha. In kontro esami hu ikkonferma li effettivament kien hemm vetturi, parkeggati fuq ix-xellug, izda dawn ma kienux "double parked". L-istess xhud semma li minhabba li l-istess xarabank kellu l-"indicator" juri li ser jdur lejn il-lemin, hu kien haseb li kien ser jmur lejn in-naha l-ohra tat-triq fejn hemm triq laterali "tul ta' xarabank il-boghod".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 36 et seq ibid) ikkonferma, meta xehed, li, skond hu, kien hemm karozzi "double parked". Difatti hu sostna li kellu jieqaf minhabba karozza mhux identifikata li kienet hekk parkeggata. Skond hu, il-persuna li kienet qed issuq din il-karozza, sahansitra saqet "b'kemm jimxi u beda joffendini" oltre li ghamlet manuvra ta' "U Turn" fid-direzzjoni ta' Haz Zabbar minghajr, pero, ma kien hemm habta. Hawnhekk, waqt li kien ghadu wieqaf giet karozza ohra (misjuqa b'certa velocita mill-assikurat) u ssorpossatu fuq ix-xellug bejn l-istess xarabank u laqtet il-"bumper" tal-"bus" misjuq minni." Bhala konsegwenza l-karozza tal-assikurat spiccat bejn ix-xarabank u karozza ohra parkeggta. In kontro esami, hu kkonferma li meta kien ser jaqbes il-karozza "double parked", hu xeghel l-"incidator" lejn il-lemin. Inoltre b'referenza ghall-iskizz imsemmi, hu qal "naqbel li x-xarabank kien naqra milwi l-gewwa meta gara l-incident".

Ikkunsidrat

Illi, minn valutazzjoni tal-provi kif esposti jidher li irrizultaw is-segwenti fatti:-

a) Ix-xarabank kellu l-"indicator" mixghul lejn il-lemin.

b) L-istess xarabank kien qabes almenu “in parte” id-”double white line” li filfatt tipprojbixxi kull vettura milli tghaddi minn fuqha u tmur fuq in-naha l-ohra tat-triq.

c) Fuq ix-xellug kien hemm xi karozzi ohra parkeggati izda ma irrizultax pruvat b’mod sodisfacjenti li kien hemm vetturi “double parked” fuq l-istess naha.

d) Fuq l-iskizz jidher li l-istess xarabank kienet milwija xi ftit lejn ix-xellug. Dan jindika li hu minnu li l-istess xarabank, bl-”indicator” mixghul lejn il-lemin, kien qed jdur lejn ix-xellug meta gara l-incident. Dan il-fatt hu prova cara li l-konvenut kien akkwantu negligenti fis-sewqan.

e) Pero’, hu fatt ukoll li l-assikurat ghamel manuvra riskuza billi azzarda jissorpassa dan ix-xarabank fuq ix-xellug waqt li jinghad li kien jkun opportun u prudenti da parti tal-istess assikurat li ma jissograx jaghmel din il-manuvra.

Illi ghalhekk, hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-partijiet involuti <u>ikkontribwew b’mod ugwali</u> sabiex sehh dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti:

1. tiddikjara lill-partijiet involuti f'dan l-incident bhala sewwieqa bhala ugwalment responsabbli ghall-incident in esami.

2. tillikwida l-ammont globali tad-danni li filfatt ma gewx kontestati fl-ammont ta' Lm160.95,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine is-somma ta' Lm80.47,5 bl-imghax legali mit-13 ta' Ottubru 1996 sal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju 1996, dawn jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-istess partijiet.

Alan Calleja
Dep.Reg